Minuti tal-37 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju, 2015. Il-laqgha nbdiet hin 4.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Shirley Ann Cecchini<br>Anthony Camilleri |
| Ambaxxatur V16 | Katrina Grima |
| **Ufficjali:** | |
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-36 laqgha

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

## 2.0 Tindif tal-Culverts

2.1 Saret diskussjoni dwar il-culverts li jinsabu madwar il-lokalita' peress li dawn iridu jitnaddfu qabel tibda' x-xitwa. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob stima ta kemm ser jigi jiswa sabiex isir it-tindif.

2.2 Gie innotat ukoll li hemm problema fis-*service culvert* ta' Triq il-Knisja peress li hemm suspett li hemm xi dranagg u fil-fatt dahal ilment li hemm irwejjah u nemus hergin minnu. Min-naha tal-Kunsill sar rapport lid-Dipartiment tas-Sanita' u ghada filghodu ghandhom jidhlu u bl-ghajnuna tal-haddiema tal-Kunsill ser jinfetah il-culvert u jsiru l-ispezzjonijiet mehtiega.

## 3.0 Monument Triq l-Gharb

3.1 Fil-laqgha precedenti kienu gew approvati l-kwotazzjonijiet li ingabru sabiex ikun jista' jsir dan il-monument fosthom l-irham, il-partijiet tal-metal, hgieg, dawl u arbli. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jordna kollox sabiex ikun lest ghal Jum l-Gharb. Fir-rigward tal-bniednar gie deciz li dawn jitellghu biss f'granet ta' festi u sar qbil ukoll sabiex jitpoggew xi post bil-qsari madwar il-monument.

3.2 Fir-rigward tas-soft areas, is-Sindku spejga li huwa kien tkellem mall-kumpanija tal-ELC sabiex jiehdu hsieb il-leisure park u jaghtu ideja ta' kif jista' jkun hemm aktar pjanti fil-pjazza. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**4.0 Xoghol ta' Tarmak Triq Virtu' u Triq San Dimitri**

4.1 Gie diskuss ix-xoghol tat-tarmak ta' Triq San Dimitri fejn dan kien inkluz fil-PPP. Giet diskussa ukoll Triq il-Madonna tal-Virtu' fejn irid jigi diskuss mall-Perit jekk din tistax issir ukoll. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi bix-xogholijiet fuq dawn iz-zewg toroq.

4.2 Is-Sindku spjega li fil-gimghat li gejjin ser ikun qed jiltaqa' mall-Enemalta Corporation u Water Services Corporation sabiex jigu diskussi x-xogholijiet u jinbdew ix-xogholijiet mehtiega.

4.06pm Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha

4.3 Emanuel Muscat talab sabiex jigi infurmat b'dak li intqal. Is-Sindku ta' sommarju ta' dak li kien gie diskuss.

4.4 Saret diskussjoni dwar il-cables li jridu jghaddu u l-Kunsill qabel li jekk l-Enemalta Corporation ma tikkoperax fix-xogholijiet li jridu jsiru jinbedew ix-xogholijiet xorta wahda ghaliex mhux possibli li jithallew iktar pendenti b'mod partikolari anke ghal-fatt li jekk jinbew ix-xogholijiet fi Triq Frangisk Portelli dawn ser jergghu jaqghu lura.

4.5 Min-naha tal-Water Services Coporation diga kien hemm qbil sabiex isiru x-xogholijiet mehtiega pero' l-Enemalta ghandha izomm kollox pendenti u l-Kunsill ghadu jistenna li ssir laqgha.

**5.0 Jum l-Gharb 2015**

5.1 Kif diga saret diskussjoni waqt is-serata ta' Jum l-Gharb il-Kunsill ser ikun qieghed jinawgura l-monument ta' Triq l-Gharb segwit b'Quddiesa ta' Radd il-Hajr u Attivita' fil-Pjazza. Waqt is-serata jkun hemm il-partecipazzjoni taz-zghazagh li kienu jattendu s-Summer Club u kuncert mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Gie propost ukoll sabiex l-Ambaxxatrici l-gdida Katrina Grima tiehu hsieb li ssir parti litterarja.

5.2 Fir-rigward ta' attivita' ghaz-zghazagh, l-Ambaxxatrici qalet li meta ddiskutiet maz-zghazagh dawn xtaqu li tigi organizzata Pool Party simili ghal dik li saret qabel il-festa u mhux il-boat party. Saret diskussjoni fejn gie deciz li din issir bil-koperazzjoni tas-Sotto Kumitat tal-Briju u sussidjata mill-Kunsill. Shirley-Anne Cecchini ghandha tfittex farmhouse fejn tista' ssir din l-attivita'.

**6.0 Seher il-Punent 2015**

6.1 Saret diskussjoni dwar l-attivita' ta' Seher il-Punent 2015 li kif diga kien hemm qbil ser isir il-Hadd 16 ta' Awissu u li ser ikun bit-tema ta' Festival tal-Bettieh u fost ohrajn ser ikun hemm ukoll Water Games. Min-naha tieghu l-Kunsill ser jinvolvi l-assistenza finanzjarja u sapport sabiex dan ikun ta' success.

6.2 Carmen Vella staqsiet dwar il-progett tal-prodotti Lokali jekk dan ghadux bil-hsieb li jsir. Is-Sindku spjega li mill-Kunsill ta' l-Artigjanat diga ghandhom xi haga simili

fejn jipprovdi l-logo tieghu u ghalhekk irridu nidentifikaw sabiex naghmlu xi haga differenti u attraenti sabiex jista' jkun success.

**7.0 Inawgurazzjoni tal-Grawnd tal-Football**

7.1 Is-Sindku issugerixxa d-data tal-5 ta' Awissu bhala gurnata ghall-inawgurazzjoni tal-grawnd tal-fooball jew inkella data ohra fil-qrib. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li l-attivita' ghandhom jinxtraw bollards godda. Is-Serata ghandha tigi organizzata wara s-6pm u ssir partita tal-Footbal bil-kollaborazzjoni ta' l-Gharb Rangers F.C. Apparti dan ghandu jigi inawgurat il-kumpless sportiv li ser jissemma ghal Mario Bajada. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku ghandu jiltaqa' mall-kumitat tal-Gharb Rangers F.C. sabiex jiddiskuti maghhom il-parti li ser jippartecipaw fiha huma.

**8.0 Progetti u Xogholijiet**

8.1 Gie spjegat li bhalissa qed jigi konkluz il-Ground tal-football.

8.2 Gie spjegat ukoll li l-Bankina ta' Triq Frangisk Portelli fejn ser tinfetah l-ispizerija giet approvata min-naha tat-Transport Malta. Kif kien hemm qbil il-materjal ser jingab mis-sid.

8.3 Bhal ma diga gie diskuss fil-laqgha precedenti, l-haddiema tal-Kunsill qeghdin jibnu l-hitan tas-sejjieh fi Triq ta' Sdieri.

8.4 Anthony Camilleri staqsa dwar il-haxix ta' Triq San Katald fejn gie spjegat li x-xoghol ser jinbeda l-gimgha d-diehla.

8.5 Anthony Camilleri qal li tajjeb li fejn hemm il-bazi tal-fjuri fi Triq ta' Wied il-Mielah sewwa li kieku timtela' bic-cement. Is-Sindku qal li trid tigi diskussa mal-Perit peress li dan huwa progett tal-UE u jista' jkun il-kaz li dan mhux permess.

8.6 Anthony Camilleri staqsa dwar il-funtana fi Pjazza Gerano peress li mhux qeghda tahdem. Gie spjegat li l-Electrician Chris Gauci ser jicckejja x'inhi l-problema ghaliex mhux qeghda tahdem pero' jista' jkun li tinsab mitfija.

8.7 Gew diskussi x-xogholijiet li ghandhom isiru mill-Ministeru ghal Ghawdex u li ghandhom pendenti fosthom Triq Tumas Cassar li kellha ssir kif tinheles Triq San Lawrenz, Sqaq tas-sorijiet, Triq Frangisk Portelli pero' din ippjanata ghal Ottubru, xogholijiet fi Triq Birbuba u Trejqet tas-Sisien kif ukoll il-kont tal-Water Services Corporation / Ministeru ghal Ghawdex li ghadu pendenti. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat korrispondenza f'dan ir-rigward lil Ministeru.

**9.0 Skeda ta' Pagamenti**

9.1 Il-Kunsill gie infurmat li saret korezzjoni fuq l-iskeda approvata fil-laqgha precedenti peress li din kien fiha zball fl-allowance tal-Kunsilliera pero' minkejja dan il-pagamenti hargu korretti. Il-Kunsill approva l-korezzjonijiet u l-iskeda u din regghet giet iffirmata.

9.2 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**10.0 Materji ohra**

10.1 Saret diskussjoni dwar l-incident tat-traffiku li sar fi Triq Ta' Pinu k/a Triq l-Gharb. Is-Sindku issugerixxa li qed ikun hemm hafna sewqan gewwa din it-triq u wasal issa z-zmien li ssir speed camera sabiex jigu evitati aktar incidenti tat-traffiku. Il-Kunsill qabel ma' dan.

10.2 Il-Vici Sindku qalet li l-mera ta' Sqaq il-Fgura ghandha bzonn li titnaddaf. Il-Kunsill qabel li l-haddiema ghandhom iduru madwar il-mirja tar-rahal u jnaddfuhom kollha.

10.3 Il-Vici Sindku qalet li l-bozza li hemm fl-Isqaq fi Triq Molina fejn ir-residenza tal-familja Agius mhux qed tixghel. Is-Sindku qal li hemm problema peress li qed jigu rrapurtati l-bozoz u dawn xorta qed jithallew pendenti. Saret diskussjoni dwar dan fejn il-Kunsill qabel li jekk il-problema ha tippersisti ghandu jigi ikkuntatjat l-Electrian Chris Gauci biex jaghmel dawn ix-xogholijiet.

10.4 Gie spjegat li l-Kunsill kellu kwotazzjoni ghal *Podium* li jinkorpora fih sistema tal-PA. Il-prezz huwa ta' €684.02. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jinxtara.

10.5 Saret diskussjoni dwar Sqaq fi Triq San Dimitri fejn ir-residenti qed jilmentaw li minkejja li dan huwa passagg u hadd ma jista' jipparkja xorta wahda qed ikun hemm karozzi li jithallew hemm. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba sabiex isiru double yellow lines mat-Transport Malta.

10.6 Giet diskussa l-bozza tac-Cimiterju wara l-laqgha li saret fuq il-post fejn gie miftiehm li tehel floodlight ma' l-arblu. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir applikazzjoni f'dan ir-rigward.

10.7 Saret diskussjoni dwar il-problema ta' immanigjar ta' Traffiku fi Pjazza San Pietru b'mod partikolari fejn jidhlu kaxxi tal-parking li hemm bzonn li jsiru minhabba problemi ta' parkegg quddiem il-garaxxijiet. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab skema ta' immaginar ta' traffiku ta' din iz-zona lit-Transport Malta.

10.8 Il-Kunsill iddiskuta il-Barriera ta' Wied il-Mielah peress li qed jitilghu trakkijiet minn Triq ta' Sdieri u t-tip ta' trakkijiet li ghandhom jintuzaw fejn gie innotat li trakkijiet 6-wheeler ma jaghmlux hsara daqs trakkijiet ta' daqs izghar. Il-Kunsill qabel li ghandha tintlab lill-MEPA sabiex issir laqgha fuq il-post u jinghata anke il-parir professjonali dwar it-tip ta' trakkijiet li ghandhom jintuzaw.

10.9 Anthony Camilleri issugerixxa sabiex isiru stejjem tat-toroq tal-moghdijiet. Is-Sindku spjega li diga kienu saru stejjem min-naha tal-Perit. Anthony Camilleri qal li huma iltaqa' mas-Sindku ta' l-Ghasri u qal li huwa lesti li jiddiskuti u jghin fejn jidhlu toroq li jkunu bejn iz-zewgt irhula. Is-Sindku isugerixxa sabiex dawn jistghu jsiru ftit ftit u fejn hu possibli jkun hemm l-involviment tal-bdiewa li jaghmlu uzu minnhom fejn il-Kunsill jipprovdi l-materjal u x-xoghol isir minnhom stess bhal ma gie li sar f'postijiet ohra. Anthony Camilleri ssugerixxa li jista' jsir program u jigi

pprezentat lill-Ministeru ghal Ghawdex jew il-Kunsill japplika ghall-fondi mill-Unjoni Ewropeja.

10.10 Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li l-fgura fi Triq l-Gharb il-Bus ma kienetx qed tieqaf fuq il-Bus Stop. Is-Sindku qal li din il-problema kienet inholqot peress li kien hemm xufiera godda u t-tabella ma tantx kienet vizibbli.

Anthony Camilleri gibed l-attenzjoni li qed ikun hemm buses tat-turisti li qed jieqfu fil-hanut u qed ikunu ipparkjati hazin.

**11.0 Korrispondenza**

11.1 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie infurmat li giet milqugha l-applikazzjoni tieghu fl-iskema ta' Libreriji fejn il-Kunsill ser jinghata l-ammont ta' €200 sabiex ikunu jistghu jinxtraw il-kotba.

11.2 Minghand il-Life long learning fir-rigward ta' diversi korsijiet li qed jigu organizzati f'diversi centri madwar Malta u Ghawdex.

11.3 Minghand il-MEPA – Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp PA2351/15.

11.4 Is-Sindku spjega li l-Kunsill gie ikkuntatjat minghand il-Windrose Project fir-rigward tal-Pinnur tar-rih li ser jehel jew Wied il-Mielah jew San Dimitri. Dawn jixtiequ li jaghmlu laqgha mall-bdiewa, sajjieda u ohrajn maghhom li jistghu jghatu l-opinjoni taghhom fuq ir-rih u maltempati. Gie spjegat li l-pinnur li ser jigi inawgurat aktar tard din is-sena ghal Ottubru / Novembru ser ikun wiehed zghir. Wara fi zmien sentejn jehel iehor ikbar. Sadanittant ser ikunu qed isiru diversi laqghat anke fis-summer club fejn ser jigi mghallem kif issir hamiema.
Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi lista ta' persuni li jistghu jattendu ghal laqgha.

**12.0 Aggornament**

12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar 19 ta' Awissu, 2015.

12.1 Il-laqgha spiccat hin 5.05pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv